minn **OMAR SEGUNA**
pagnaletterarja@gmail.com

PROFONDITÀ FIS-SEMPLIĊITÀ

Sempliċi iżda profondi. Hekk nista' niddeskrivi l-vrus ta' dawn iż-żewġ kotba ta' poeżiji, wieħed traduzzjoni ta' Rajender Krishan's minn Patrick Sammut u l-ieħor mill-awtur Ġorġ Borġ. Anzi, aktar minn hekk il-profondita' toħroġ fis-sempliċita' mhux biss tal-vrus, imma għaliex iż-żewġ awturi jixxenqu mhux għal aktar ħwejjeġ kumplessi u materjali imma għal dawk li huwa naturali u spiritwali. L-ewwel artiklu huwa "Il-Vanġelu ta'Amma, ktieb tal-poeta tal-poeta Indjan Rajender Krishan, maqlubin mill-Ingliż għall-Malti minn Patrick Sammut. It-tieni artiklu huwa mikub mill-awtur Charles Flores dwar il-ktieb Mumenti Klandestini ta' Ġorġ Borg. Dan il-ktieb ta' Borg huwa pubblikat minn Horizons.

IL-VANĠELU TA' AMMA, poeżiji tal-poeta Indjan Rajender Krishan, maqlubin mill-Ingliż għall-Malti minn Patrick Sammut



Il-lingwa waħidha forsi ma toħloqx daqstant ħitan għoljin għalina għal letteratura Indjana għax għallinqas jeżistu diversi forom bl-Ingliż. Madankollu forsi rridu nammettu li bosta minnha qajla naqbdu xi ktieb tajjeb Indjan u napprezzaw il-profondita' fl-ispiritwalita', l-misticiżmu u l-filosofija Indjana. It-twaħħid tal-Ispirtu u l-intellett huma fundamentali fl-aspetti tal-ħajja u riflessa fil-letteratura Indjana kif insibu f'dan il-ktieb. Dawn l-elementi huma komuni fil-klassiċi Indjani. Jekk nagħtu ħarsa lejn il-kitbiet ta' Kabir Das, Vidyapati , Meera Bai magħrufa bħala Mirabai fost oħrajn, biżżejjed biex naraw elementi qawwija ta' misticiżmu.

Jekk naraw imbagħad kitba aktar kontemporanja insibu lilll-awtur li tiegħu qed naraw il-ktieb li għandna llum: Rajender Krishan (6 ta Ġunju 1919 – 23 ta Settembru 1987) fost oħrajn. Anke fil-kitba ta' dan l-awtur naraw il-vjaġġ spiritwali tal-poeta u d-dimensjoni ta' eżistenza li tħoloq l-isfornd tal-metafiżika li tikkwadra ir-relazzjoni ta' dak li huwa materjali ma' dak li mhux materjali, dak li hu temporali mal-etern.

Dan il-ktieb jikkonsisti f'45 poeżija, mħawra b'elementi filosofiċi, devozzjonali u mistici li jenfasizzaw l-importanza tal- ispiritwalità fil-ħajja tal-bniedem. Minbarra t-temi eterni ta' misteri tal-ħajja bħalma huma l-mewt u s-salvazzjoni dan il-ktieb jipprova jsib soluzjoni għall-problemi kumplessi kontemporanji tal-ħajja umana. Għaldaqstant dawn il-poeżija huma mfissra bħala għejjun ta' għerf, veritajiet ta' għerf ispirati minn ħadd ħlief "mil-bużnanna min-naħa ta' missier il-poeta" (p.2).

Il-ktieb jibda bil-poeżija "Om", li kif jiddeskrivi Sammut fid-daħla kritika tiegħu "fit-twemmin Ħinduwista u dak Buddista Tibetjan din hija sillaba mistika li tidher fil-bidu u fit-tmeim ta' bosta talb u testi sagri miktuba bis-Sanskritu" (p.4). F'din il-poeżija ninnutaw fost oħrajn bl-ossimoro "Il-ħoss tas-silenzju" u għalhekk:

"Om
Enerġija primodjali
Il-ħoss tas-silenzju

Om il-Vers Waħdieni
li jberraħ għal dejjem
l-Univers."

Huwa jissikota billi jsellem permezz tal-poeżija "Namaste" (p.14) "lill-Wieħed li jinfirex mal-Kożmos sħiħ". Naraw hawnhekk ir-reverenza lejn is-Sagru u lejn spazji sagri li fihom jgħammar "l-istess Kawża tal-Ħajja". Fil-poeżija jtenni l-"imħabba, dawl, verita' armonija" li "jivvibraw u jagħnu l-umilta', il-kompassjoni, is-saħħa." Ninnutaw il-valuri li huma l-aktar ipprijotizzati fil-kultura Indjana (forsi nazzarda ngħid Asjatika), li mhumiex ineżistenti fit-twemmin nisrani li jiddomina fil-Punent; biss forsi mhux daqstant forsi l-qofol tal-ħsieb spiritwali tagħna.

Amma hija ċentrali fir-riflessjoni poetika u kreattiva tal-poeta. Hija metafora, simbolu li juża għall-espressjoni tal-filosofija tiegħu tal-ħajja li tgħallem f'ħajtu. Amma ji tiegħu hija mara sempliċi, toqgħod għal dak li Alla jrid minnha, li qatt ma nsiet għeruqha saħansitra fiżżmien il-ħakma kolonjali "biex fl-aħħar kisbet l-indipendena sabiex tinbidel f'refuġjata, migranta f'pajjiżha stess fi żmien l-Indja maqsuma". Hekk il-poeta jippreżenta lill-bużnanna tiegħu lilna l-qarrejja, u bħal donnu jixxennaq għal kampanja u r-ritwali tagħha ħielsa minn kull ħażen li sawwruha. U għalhekk

"Waqt li tixgħel id-diya
għall-Aarti ta' kuljum
toffri ħajr, tfittex il-qawwa,
Amma kienet tnaqqx fl-ambjent tagħna
il-Prinċipju, li jinbidel anke llum
f'epoka mbierka u u affaxxinanti
kull meta hi tpassi l-memorja tiegħi" (p.16).

Il-poeta jiftakar sew l-ispjegazzjonijiet tagħha u l-lezzjonijiet didattiċi mwassla lilu bħala espressjoni kulturali u spiritwali Indjana. Għaldaqstant (p.20) jgħidilna:

"Ħobb lilek innifsek
billi tkun onest miegħek innifsek
Tgħaġġilx biex tirreaġixxi
Għall-ewwel antiċipa u wara kkontempla
u mbagħad wieġeb
Imxi fit-triq it-tajba
Kun kuntent.
Ikseb is-suċċess."

"Il-Vanġelu ta' Amma', li għaliha jġib ismu dan il-ktieb, tixhed il-profondita' fl-għerf li huwa sempliċi daqs kemm huwa profond. Dawn huma l-valuri fundamentali li huma għanja fil-ħsieb għalkemm fid-deher jidhru daqstant bażiċi. Id-didattika klassika tal-valuri, kważi bħalma nsibu fil-ktieb ta' Bin Sirak u f'testi oħra klassiċi, huma kbar u inspjegabbli